21 ta' April, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Salvatore Attard pr. et ne. *versus* Gaetano Cuschieri et.

**Danni — Sokor — Art. 1080 u 1086 tal-Kodiċi Ċivili**

*Min jikkaġuna ħsara meta kien fi stat ta' sokor għandu jirrispondi għal dik il-ħsara minnu kaġunata, ladarba ma jirriżultax li dak is-sokor kien involontarju da parti tiegħu.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jieħu karrozza b'kiri u jippermetti lil terza persuna ssuq dik il-karrozza fi stat ta' sokor, u waqt dak is-sewqan il-karrozza ssofri ħsara, ta' dik il-ħsara huma responsabbli t-tnejn; wieħed għax ippermetta lill-ieħor isuq karrozza f'dak l-istat, u l-ieħor għax fil-fatt ikun ikkaġuna l-ħsara hu.*

*Dan ma jistax jeħles minn din ir-responsabbiltà billi jallega illi l-ieħor ma kienx imissu jħallieh isuq ladarba ma kienx kapaċi jsuq mingħajr perikolu; għax id-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla din l-eżenzjoni mir-responsabbiltà tippresupponi u tikkontempla l-każ ta' dipendenza tal-persuna inkapaċi mill-persuna li tqabbdu jagħmel xi xogħol li minnu tiġi mbgħad il-ħsara, u għalhekk mhix applikabbli meta dak li kien fis-sakra saq il-karrozza volontarjament u ma kellu ebda dipendenza minn dak li ħa l-karrozza b'kiri.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress li *fis-26 ta' Ottubru, 1952, il-konvenut kera "self drive"* il-karrozza numru 9731 minn Nelson Garage, Hamrun, proprjetà ta' l-attur proprio et nomine; u peress li f'din il-karrozza, waqt li kienet taħt il-kura tal-konvenut, ġew kaġunati danni fl-ammont ta' ċirka £103.19.0, minħabba l-fatt li l-istess konvenut ta l-imsemmija karrozza f'idejn persuna oħra li kienet xurbana biex issuqha, u dina ħabtet biha; u billi, interpellat bonarjament, il-konvenut ipprometta li jħallas, iżda sal-lum għadu ma ħallasx; talab li l-konvenut (1) minn dina l-Onorabbli Qorti jiġi dikjarat responsabbli tad-danni kaġunati fil-karrozza numru 9731, waqt li din kienet mikrija lilu u taħt il-kura tiegħu, u (2) li konsegwentement

jiġi kundannat minn dina l-Onorabbli Qorti li jħallas lill-attur proprio et nomine dik is-somma li tiġi likwidata mill-istess Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, in linea tad-danni kaġunati fl-imsemmija karrozza. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġuridizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ikkonkluda illi għad-danni mitluba huwa responsabbli lejn l-attur il-konvenut Cuschieri, bid-dritt ta' dan Cuschieri li jitħallas mingħand l-imsejjaħ fil-kawża Schembri ta' nofs l-istess danni, u llikwida dawn id-danni fis-somma ta' £101.19.0;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, taqbel mal-perit, u tadotta l-konklużjonijiet tiegħu;

Illi, kwantu għall-ewwel domanda, għad li l-karrozza kriha l-konvenut waħdu, ma hemmx dubju illi hu responsabbli wkoll l-imsejjaħ fil-kawża, bħala dak li kkaġuna l-ħsara ħtija tiegħu (art. 1074 Kod. Ċiv.). Mhux applikabbli l-art. 1080 invokat mill-imsejjaħ fil-kawża fit-trattazzjoni orali, fis-sens illi l-konvenut biss hu responsabbli, għaliex ma kienx imissu jħallieħ isuq il-karrozza ladarba kien fis-sakra u mhux fi stat li jsuqha mingħajr perikolu. Id-dispożizzjoni ċitata tippresupponi u tikkontempla l-każ ta' dipendenza tal-persuna inkapaċi mill-persuna li tqabbadha tagħmel ix-xogħol li minnu tiġi mbagħad il-ħsara. It-test Ingliż juża l-kelma "employs", u l-oriġinal Taljan ta' l-art. 743 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, il-lum abolita, juża l-lokuzzjoni "impiega". Id-dottrina u l-ġurisprudenza, imbagħad, jikkontemplaw, bħala regola, il-każ ta' "padroni" u "committenti", u b'hekk juru li, għalbiex jiġi applikat l-art. 1080, jeħtieġ li jkun hemm id-dipendenza fuq enunċjata — ċirkustanza din li ma tirrikorrix fil-każ taħt eżami, billi l-imsejjaħ fil-kawża qabad isuq il-karrozza volontarjament, mingħajr ma ġie mqabbad mill-konvenut;

Illi mill-provi rriżulta illi l-imsejjaħ fil-kawża, meta saq il-karrozza u għamlilha l-ħsara in kwistjoni, kien fi stat ta' sokor, u għalhekk għandu *jirrispondi għaliha* (art. *1086* Kod. Ċivili), ladarba ma rriżultax li dak is-sokor kien in-

volontarju da parti tiegħu (v. Baudry, Obbligazzjoni IV, no. 2861);

Illi anki fir-rapporti interni bejn il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża, dina r-responsabbiltà taqa' fuqhom it-tnejn, billi t-tnejn kellhom ħtija fil-ħsara li ġrat; l-imsejjaħ fil-kawża għaliex saq il-karrozza meta kien fis-sakra u mhux fi stat li jieħu kura tiegħu nnifsu, u l-konvenut għaliex ħallieh isuqha f'dak l-istat ........;

Illi minn dana jidher illi l-ewwel domanda tinsab sostnuta fil-konfront tant tal-konvenut kemm ta' l-imsejjaħ fil-kawża, mhux biss quddiem l-attur, iżda anki fir-relazzjonijiet ta' bejniethom;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, billi tiddikjara responsabbli tal-ħsara tant lill-konvenut kemm lill-imsejjaħ fil-kawża;

U tilqa' t-tieni talba, billi tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejjaħ fil-kawża "in solidum" iħallsu lill-attur is-somma ta' £101.19.0 tal-ħsara minnu mitluba, b'dan illi huma għandhom ibatuha nofs kull wieħed;

L-ispejjeż, fil-konfront ta' l-attur, iħallsuhom il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża "in solidum"; iżda bejniethom isofruhom bin-nofs.

---